Djoċesi ta' Għawdex



# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

Id-29 Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2064) • 19 ta' Ottubru 2008




Mbagħad il-Fariżej marru u bdew jiftiehmu bejniethom biex jaraw kif jonsbuh b'xi kelma. U bagħtulu d-dixxipli tagħhom ma' xi Erodjani u qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li int raġel tħobb is-sewwa, u li t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi, bla ma tħabbel rasek minn ħadd, għax int lejn wiċċ ħadd ma tħares. Għidilna ħaġa, mela: 'Int x'jidhirlek? Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?" Imma Ġesù għaraf il-ħażen ta' moħħhom, u qalilhom: "Għaliex tridu ġġarrbuni, ja wċuħ b'oħra? Uruni l-munita tat-taxxa." Wrewh dinar, u Ġesù staqsiehom: "Ta' min huma dan il-wiċċ u din il-kitba?" Qalulu: "Ta' Ċesari?" Mbagħad qalilhom: "Mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla." Meta semgħuh jgħid hekk baqgħu mistagħġba; mbagħad ħallewh u telqu.

**RIFLESSJONI :**

- Il-Vanġelu jurina li aħna ċittadini tas-sema u ċittadini ta' pajjiżna.
- In-nisrani għandu dmir lejn Alla u dmir lejn pajjiżu, mingħajr ma' jagħmel kompromessi fuq il-principji tal-vanġelu.
- In-nisrani iġib fuqu x-xbieha ta' Alla u din ma' jistax iċediha lil ħadd.
- Il-bniedem irid ikun responsabbli tal-ġid ta' pajjiżu u jaqdi dmir lejh b'kuxjenza soċjali.
- Ġie li qagħadt intella' u nniżżel x'deċiżjoni nieħu quddiem għażliet soċjali li jmorru kontra l-prinċipji tal-vanġelu ?



# *Nikbru fl-għarfien ta' Kristu*

***(mill-ittra ta' Mons Isqof Mario Grech lill-familji fl-okkażjoni tal-Missjoni Djoċesana)***

- *Akwila u Prixxilla, kellhom iħabbtu wiċċhom ma' ħafna problemi għax kienu dixxipli ta' Kristu: tellfulhom kull ma kellhom: ix-xogħol, id-dar, il-ħbieb…*
- anke fid-dinja tal-lum, in-Nisrani veru se jħabbat wiċċu ma' diversi ideat li ma jaqblu xejn mal-valuri tal-vanġelu.
- *Imma ma tellfulhomx il-fidi fi Kristu! Kellhom l-istess sentimenti ta' Pawlu: 'ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu u nkun ninsab fih.'*
- quddiem l-ideat li nisimgħu madwarna, in-nisrani veru jibqa' sod fil-fidi tiegħu.
- *Anke llum il-familja Nisranija trid tagħmel ċerti deċiżjonijiet li jitolbu li nikbru fl-għarfien ta' Kristu. Il-pass li jkun imiss hu li n-nisrani mimli bi Kristu, jgħaddih lill-oħrajn.*
- sod fil-fidi tiegħu, in-nisrani ikun ta' sostenn għal dawk ta' madwaru.

*Kan Brian Mejlak, Kappillan Parroċċa Kerċem*

## *Jistgħu jinteressawk*

Il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru: Laqgħa Parrokkjali ta' Formazzjoni.

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu, qawwina bl-ispirtu tal-kelma tiegħek, ħalli nkunu dawl fis-soċjeta' ta' madwarna.